MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 534/2007

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**Vs**

**IT & T Limited (C 26874)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Lulju, 2007 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm573.78c illum ekwivalenti ghal Ewro €1,336.55c, rapprezentanti valur ta` servizzi rezi mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 5 ta` Ottubru, 2007 in forza ta` liema kkontesta t-talba attrici billi afferma li s-servizzi ma gewx rezi skond is-sengha u l-

arti u mhux tal-kwalita` misthoqqa tant illi s-socjeta` konvenuta kellha thassar il-ftehim ta` bejniethom permezz ta` ittra datata 22 ta` April, 2005. Kwindi t-talba odjerna ghal hlas hija bla bazi stante li tikkoncerna perjodu ta` zmien meta s-socjeta` attrici kienet qed taghmel it-testijiet halli taghti s-servizz pattwit skond annex F tal-ftehim izda liema livell ma ntlahaq qatt u b'hekk gie tterminat il-ftehim.

Ra l-kontro-talba mressqa mis-socjeta` konvenuta fl-istess risposta taghha fejn talbet sabiex is-socjeta` attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta` Lm1,416 illum ekwivalenti ghal Euro €3,298.39c rapprezentanti danni konsistenti fi spejjez li saru inutilment per konsegwenza ta` l-inesperjenza u nuqqas ta` abbilita` u perizja da parti tas-socjeta` attrici u l-impjegati taghha, liema spejjez gew inkorsi ghal servizz ta` Fibre Installation mhallas lil Maltacom fl-ammont ta` Lm472 oltre Lm944 fees ta` l-engineer waqt it-testing period.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data meta sar il-hlas tal-pagament fuq imsemmi u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta` attrici ghal kontro-talba tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-23 ta` Ottubru, 2007 fejn ikkontestat l-istess kontro-talba fis-sens illi s-servizz moghti minnha kien tal-kwalita` pattwita u kwindi ma kkawzat ebda danni u l-unika danni li setghet sofriet is-socjeta` konvenuta kienet gejja mill-inesperjenza ta` l-impjegati taghha stess; illi fi kwalunkwe kaz skond il-ftehim pattwit bejn il-partijiet a tenur ta` l-artikolu F 2.3 f'pagna 23, hemm stipulat li l-unika danni li jistghu jigu vantati kellhom se mai jigu msarrfa f'sieghat zejda fuq l-internet u kwindi ghalhekk il-kontro-talba mressqa tmur kontra dan l-istess ftehim; is-socjeta` konvenuta naqset li taghmel *fault report* dwar l-ilment taghha u dana bi ksur tal-ftehim datat 1 ta` Frar, 2005.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra u ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-partijiet dahlu fi ftehim bil-miktub bejniethom datat 1 ta` Frar, 2005 fejn is-socjeta` attrici kienet inkarigat ruhha li tipprovdi lis-socjeta` konvenuta servizz ta` International bandwidth. Dan is-servizz jnghata u jigi mhallas fuq bazi ta` wholesale sabiex il-klijent in segwitu jkun jista` jinnegozja dan l-istess servizz mal-klijent tieghu fuq is-suq lokali fuq bazi retail. Il-kuntratt kien datat 1 ta` Frar, 2005 pero` s-socjeta` konvenuta kellha tibda` taghmel uzu mill-istess mid-data tal-21 ta` Frar, 2005. Bejn dawn iz-zewg dati kienet qieghdha ssir testing tas-sistema. Is-socjeta` konvenuta kienet ghalhekk qiegdhha tintalab li thallas mid-data tal-21 ta` Frar, 2005. L-avukat Dr Claire Cassar ikkonfermat li s-socjeta` konvenuta mill-bidu nett bdiet tilmenta mill-kwalita` tas-servizz u wara li marru l-haddiema tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta kienet inghatat skont sostanzjali. Fil-fatt ghal kumplament tax-xahar ta` Frar, 2005, is-socjeta` konvenuta ma gietx mitluba thallas xejn filwaqt li ghax-xahar ta` Marzu, 2005 minn rata mensili ta` Lm575 giet mitluba thallas biss Lm65. Din ix-xhud tikkonferma wkoll li s-socjeta` attrici kienet obbligat ruhha skond l-istess ftehim li taghti servizz ghal 99.6% tal-hin, liema parametri fil-fatt inzammu skond dan ix-xhud. Il-ftehim kien jistipula li s-socjeta` konvenuta kienet marbuta ghal perjodu ta` 12 il-xahar taht obbligu ta` hlas ta` penali f’kaz li jigi tterminat qabel, liema penali pero` ma hiex qed tintalab fil-kaz odjern.

Dan ix-xhud jissokta jghid li ghalkemm kienu gew skambjati diversi emails dwar l-ilment tas-socjeta` konvenuta fuq il-constant deviation (cioe` servizz ta` inqas minn 99.6% tal-hin), pero` din ta` l-ahhar xorta wahda baqghet ma uzatx il-fault report system imnizzel fil-ftehim u kwindi ma giex intitolat ghal credit ta` sieghat fuq l-internet f’kaz li rrizulta li l-ilment tieghu kien gustifikat.

Ix-xhud Kurt Camilleri prodott mis-socjeta` attrici, wkoll jafferma li kien konxju ta` l-ilmenti mressqa mis-socjeta`

konvenuta fuq il-kwalita` ta` servizz, pero` minn indagini li ghamel dan ix-xhud irrizultalu li l-ilment ma kienx gustifikat peress illi ma kienx hemm kaz ta` down time minn dak imwieghed ta` 99.6% tal-hin kontrattat. Jispjega li l-verifiki saru sa l-ufficini ta` l-attur peress illi l-konvenut kien qabbad lil tal-Go biex iwassal dan is-servizz mill-ufficini tal-Vodafone ghal ghand dawk tas-socjeta` konvenuta. Dawn iz-zewg sistemi huma kompatibbli ma` xulxin.

Mark Ebejer engineer iehor prodott mis-socjeta` attrici wkoll jafferma li kienu konxji ta` l-ilment imressaq mis-socjeta` konvenuta dwar down timing tas-sistema pero` minn testijiet li saru ma rrizultax iggustifikat peress illi ma kellhom ebda response fis-sens ta` “request timed out”. Huwa spjega f’aktar dettal dan ir-rizultat meta wiegeb ghal domandi in kontro-ezami. Dan it-test Dok. ME 1 kien intbaghat lis-socjeta` konvenuta ghall-ahjar informazzjoni taghhom u sabiex huma jkunu jistghu jivverifikaw il-problema minn naha ta` l-ufficini taghhom.

Ruben Galea, direttur tas-socjeta` konvenuta xehed illi huwa kien informa mill-ewwel lis-socjeta` attrici bil-problemi li kienu qed jiffacjaw bis-servizz, liema problemi kienu qed jigu meqjusa bhala teething problems. Ghalkemm jidher li kien hemm problema ta` komunikazzjoni mal-fault report desk, pero` iz-zewg socjetajiet xorta wahda kkomunikaw ma` xulxin, l-aktar tramite l-emails skambjati. Il-problema li kienet qed taffaccja s-socjeta` konvenuta kienet li ma setghux jaccedu ghal web site taghhom fuq l-internet jew inkella dan l-ezercizzju kien qed jehdilhom wisq hin. Minkejja diversi tentattivi biex tissolva din il-problema, dan ix-xhud isostni li baqghu jaffaccjaw l-istess problema ta` access minn nofs Frar, 2005 meta beda t-testing sa nofs April, 2005. L-access ghal diversi websites kienu jigu lura mmarkati “request timed out” anke fuq l-ezercizzju ossia t-test li jidher li ghamel Mark Ebejer tas-socjeta` attrici malgrado l-ispjegazzjoni li pprova jaghti dan l-ahhar xhud. Illi minhabba dawn il-problemi kostanti, cioe` nuqqas ta` connection pozittiv ta` 99.6%, dan id-direttur iddecieda li jittermina l-ftehim mas-socjeta` attrici u pproceda sabiex jerga` jinghaqad ma` l-GO biex ituh dan l-istess servizz.

Illi mill-provi prodotti inkluz id-dokumenti ezebiti ghandu jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet mill-bidu nett ben konsapevoli ta` l-ilmenti li kienet qed tressaq is-socjeta` konvenuta anke jekk din ta` l-ahhar baqghet ma uzatx il-fault system repport. Illi rrizulta wkoll li minkejja li saru diversi tentattivi biex wiehed jasal ghal kawza ta` din il-problema halli tigi rimedjata, s-socjeta` attrici baqghet ma waslitx ghal soluzzjoni ossia ghal rimedju sabiex il-klijent taghha s-socjeta` konvenuta jinghata servizz ai termini tal-kuntratt pattwit. It-Tribunal isib li s-socjeta` konvenuta kienet iggustifikata fl-ilment taghha li ma kienx qed ikollha access ghal 99.6% tal-hin kif imwieghed u pattwit. Is-socjeta` attrici ikkuntrattat u inkarigat ruhha li tirrendi tali servizz u fid-dawl ta` din il-problema li nholqot ma tistax tghaddi dan l-obbligu fuq haddiehor u  tipprova tezimi ruhha minn din ir-responsabbilita` kontrattwali kif donnha qed tipprova taghmel fil-kaz odjern.

Illi mill-banda l-ohra pero`, l-anqas ma jidher li s-socjeta` konvenuta tinsab iggustifikata fil-kontro-talba taghha. Hja deherilha li ma kienitx qed tiehu servizz tajjeb bizzejjed u kwindi ddecidiet li tittermina il-kuntratt kif kellha kull jedd li taghmel. Illi ma jidhirx b’daqshekk li fix-xahar u nofs jew ftit aktar kemm damet fit-relazzjoni kontrattwali mas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta sofriet xi danni materjali, ta` l-anqas l-istess socjeta` konvenuta certament ma resqet ebda prova f’dan ir-rigward.

Ghaldaqstant in vista tal-premess dan it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta u kwindi jichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha u fit-tieni lok jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` attrici kontra l-kontro-talba mressqa mis-socjeta` konvenuta u kwindi jichad l-istess kontro-talba avvanzata kontra s-socjeta` attrici. Dwar il-Kap. ta` l-ispejjez it-Tribunal jordna li dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------